MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 93/2014

**Angela Fenech K.I. nru 83442M u Carmelo Fenech K.I. nru 0042834M**

**vs**

**Mario Saliba K.I. 263961M**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien ta' garaxx bla numru li jinsab taht zewg maisonettes, Angela House u Opel House gewwa Dahla San Tumas, Zejtun;

2. Illi l-esponenti kera l-garaxx permezz ta' kuntratt ffirmat fl-ghaxra ta' Lulju tas-sena 2008, li qieghed jigi anness u mmarkat Dok B;

3. Illi l-intimat qieghed lura f'zewg skadenzi li kellhom jithallsu darbtejn fis-sena, cio fix-xahar ta' Jannar 2014 u x-xahar ta' Lulju 2014;

4. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jhallas u jizgombra mill-fond ossia garaxx bla numru li jinsab taht Angela House u Opel House gewwa Dahla San Tumas, Zejtun, inkluz permess ta' ittra ufficjali, dan sar inutilment;

5. Illi safejn jafu r-rikorrenti, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet kif hawn dedotti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 16A et seq tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, l-intimat ghandu jghid ghaliex ghar-ragunijiet permessi din l-Onorabbli Bord m'ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza skond it-talbiet u bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 16A et seq tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundana lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf seba' mija u sebgha u erbghin euro u tlett centezmi (€1,747.03) ekwivalenti ghal seba' mija u hamsin liri maltin (Lm750) rapprezentanti arretrati ghall-hlas ta' kera ta' zewg skadenzi;

3. Tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Bord, jizgombra mill-garaxx bla numru li jinsab taht Angela House u Opel House gewwa Dahla San Tumas, Zejtun.

4. Bl-ispejjes kontra l-intimati inkluz tal-ittra ufficjali li hu ngunt in subizzjoni.

Ra illi l-intimat debitament notifikat baqa' ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b'dikjarazzjoni guramentata tal-fatti minnhom maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimat ma ghadu l-ebda opposizzjoni x'jista' jaghmel skond il-ligi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ra l-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-ligijiet ta' Malta;

Peress illi, fil-kontumacja tal-intimat, jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti ikunu milqugha bid-dispensa ta' smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta;

L-Bord qieghed jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgumbrament qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill- intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------